14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 20th April 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

27th March, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Accounting Officer* fid-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Accounting Officer* fid-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

2.1 Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet (3) snin bħala *Accounting Officer* fid-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Accounting Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt, ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Accounting Officer in the Department of Corporate Services within the Office of the Prime Minister

The Public Service Commission invites applications for the position of Accounting Officer to carry out duties in the Department of Corporate Services within the Office of the Prime Minister.

2.1 The selected candidate will enter into a three (3) year contract as Accounting Officer in the Department of Corporate Services, Office of the Prime Minister. Unsatisfactory performance as Accounting Officer during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi terminat il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u, waqt il-perjodu tal-kuntratt, tiġi maħtura fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 10, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Accounting Officer* fid-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla għal aktar mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 10 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Accounting Officer* fid-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru hu ta' Lm5,782 (€13,468.44) fis-sena li jitla' b'Lm175 (€407.64) kull sena sa massimu ta' Lm6,832 (€15,914.28) fis-sena (Skala ta' Salarju 10). F'każ li persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-ħatra sustantiva tagħha u s-salarju ta' din il-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4.1 Id-doveri ewlenin ta' *Accounting Officer* jinkludu:

Jimplimenta l-introduzzjoni tar-riforma finanzjarja, b'mod speċjali dawk l-aspetti relatati ma' l-*Accrual Accounting*.

Jipproċessa fatturi u dokumenti oħra tal-ħlasijiet inkluż l-awtorizzazzjoni tat-talbiet dipartimentali, l-ordnijiet għax-xiri lokali u l-irċevuti tal-ħlasijiet.

Jipproċessa trasferimenti ta' fondi minn *item* għall-ieħor ta' l-estimi finanzjarji, joriġina skedi tal-ħlasijiet u Trasferimenti u Aġġustamenti fuq is-Sistema tal-Kontabbiltà tad-Dipartiment.

Iħejji rapporti perjodiċi inklużi rapporti ta' kull tliet xhur dwar l-*Accrual Accounting*, l-Estimi Riveduti ta' kull xahar, l-istimi dwar id-dħul u l-ħruġ tal-flus tat-teżor u rapporti oħra finanzjarji.

Jieħu ħsieb is-Sistema ta' l-i*Stock Control* inkluż il-ħruġ u d-dħul ta' oġġetti maħżuna.

Jikkoordina l-ħruġ ta' fondi lejn entitajiet ikkontrollati mill-Gvern inkluż ir-reviżjoni ta' *Management Accounts,*

2.2 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on termination of contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her employment with the Office of the Prime Minister as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 10, he/she will be required to relinquish the duties of Accounting Officer in the Department of Corporate Services, Office of the Prime Minister and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 10 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3. The position of Accounting Officer carries a salary of Lm5,782 (€13,468.44) per annum rising by annual increments of Lm175 (€407.64) per annum up to a maximum of Lm6,832 (€15,914.28) per annum (Salary Scale 10). In the case that a selected candidate is a Public Officer with a substantive grade in the Malta Public Service, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1 The duties of Accounting Officer include, inter alia:

Implementing of financial management reform initiation, especially those relating to Accrual Accounting.

Processes invoices and other documents for payments including authorization of departmental requisitions, local purchase orders and payment vouchers.

Processes transfer of funds across budgetary items, originates payment schedules and transfer and adjustments on the Departmental Accounting System.

Compiles periodic reports including quarterly Accrual Accounting Reports, monthly Revised Estimates, treasury cashflow projections and other financial reports.

Supervision of Stock Control System including the issue and receipt of stores.

Coordinates the release of funds in favour of government controlled entities including review of management accounts,

statements dwar il-ħruġ u d-dħul tal-flus u rapporti oħra finanzjarji ppreżentati lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Jgħin lill-*Information Management Officer* u l-*management* dipartimentali fix-xiri ta' tagħmir tat-teknoloġija ta' l-informatika bl-użu tal-proċess ta' l-*e-Procurement*.

Jamministra u fejn meħtieġ jgħin fil-ħruġ u l-għeluq ta' *advances* għal safar uffiċjali kif ukoll fil-proċeduri ta' wara ta' refużjoni (fejn japplika).

Jgħin lill-*management* fit-tmexxija tat-Taqsima Finanzi u Amministrazzjoni.

4.2 Il-kandidat/a magħżul/a jingħata taħriġ formali u fuq ix-xogħol proprju f'dak li għandu x'jaqsam ma' proċeduri dipartimentali u l-informazzjoni relevanti u s-sistemi tal-kontabbiltà.

5. L-applikanti għandhom ikunu:

(a) (i) ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikollhom *degree* rikonoxxuta fl-*Accountancy,* jew kwalifika xierqa kumparabbli rikonoxxuta f'dan il-qasam, jew *degree* relevanti fejn l-*Accountancy* u/jew il-*Management* huma oqsma prinċipali ta' studju;

u

cash flow statements and other financial reports presented to OPM as part of the process.

Assists the Information Management Officer and departmental management in the purchase of IT equipment using the e-Procurement process.

Supervising and when necessary assisting in the issue and closing of overseas travel advances and the subsequent reimbursement procedures (if applicable).

Assist management in the daily running of the Finance and Administration Branch.

4.2 Selected candidate will be provided with on-the-job and formal training in departmental procedures and relevant information and accounting systems.

5. Applicants must be:-

(a) (i) citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) in possession of a recognised degree in Accountancy, or a recognised appropriate comparable qualification in this field, or a relevant degree with †Accountancy and/or Management as major areas of study;

and

(ċ) ikunu ta' karattru morali sod (applikanti li huma impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *Service and Leave Record* (GP 47) waqt li l-applikanti li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

c) of a good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or a competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have been in Malta Government Service, giving details).

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), ukoll jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413) even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with the applications; originals to be produced for verification at the interview).

7.2 Hija r-responsabbilità ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

7.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-

8.2 The result of the interviews will be published by the

Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u muri fin-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u fir-*Reception,* Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta.

8.3 Jiġi ppubblikat avviż dwar ir-riżultat ta' l-intervisti kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hija http://www.psc.gov.mt

8.4 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż tal-Gazzetta tal-Gvern.

9. Persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

10. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-Public Service Management Code rispettivament. Wieħed jista' jara l-Public Service Management Code fuq il-*website* tal-Management and Personnel Office fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Curriculum Vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta, CMR 02, sa mhux aktar tard minn-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' April 2007.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mir-*Reception Desk,* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta, CMR 02.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' April 2007, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fl-indirizz ta' hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment huwa +365 2200 1020.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and at the Reception, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta.

8.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

10. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address:- http://www.mpo.gov.mt.

11. Applications together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta CMR 02, by not later than noon of Friday, 20th April 2007.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Reception Desk, Office of the Prime Minister Auberge de Castille, Valletta CMR 02

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 20th April 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department of Corporate Services, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta CMR 02, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Department of Corporate Services, Office of the Prime Minister, is +356 2200 1020.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Office of the Prime Minister, and a receipt given in hand at the time of delivery.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur Servizzi għas-Korporattiivi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Is-27 ta' Marzu, 2007

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Office of the Prime Minister, within seven (7) days.

27th March, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Kirurgu Dentali fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand dentisti għall-postijiet ta' Kirurgu Dentali fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1 Il-post ta' Kirurgu Dentali għandu salarju ta' Lm6,526 (€15,201.49) fis-sena li jiżdied b'Lm209 (€486.84) fis-sena sa massimu ta' Lm7,780 (€18,122.53) (Skala tas-Salarju 8).

2.2 Kirurgi Dentali li jkollhom tmien snin prattika fid-dentistrija wara s-sentejn ta' *housemanship* jitilgħu fi Skala ta' Salarju 7 Lm6,948 (€16,184.49) x Lm228 (€531.10) – Lm8,316 (€19,371.07), suġġett għal servizz sodisfaċenti u skond ir-regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, bil-kundizzjoni li l-perjodu ta' tmien snin jitnaqqas għal ħames snin fil-każ ta' dentisti li jkollhom kwalifika adatta ta' wara l-gradwazzjoni.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun mehtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Dental Surgeon in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from dentists for the posts of Dental Surgeon in the Health Division.

2.1 The post of Dental Surgeon carries a salary of Lm6,526 (€15,201.49) per annum rising by annual increments of Lm209 (€486.84) up to a maximum of Lm7,780 (€18,122.53) (Salary Scale 8).

2.2 Dental Surgeons who complete eight years dental practice after the two years of housemanship shall be placed in Salary Scale 7, Lm6,948 (€16,184.49) x Lm228 (€531.10) – Lm8,316 (€19,371.07) subject to satisfactory performance and to Public Service Commission regulations, provided that the qualifying period of eight years will be reduced to five years in the case of dentists who obtain an approved post-graduate qualification.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tagħmel xogħol fi kwalunkwe qasam tas-Servizzi Dentali tal-Gvern fl-isptarijiet u fil-komunità (inkluż is-servizzi dentali fl-iskejjel).

5.2. Il-persuna nominata tkun mistennija li tagħmel dijanjosi tal-kundizzjoni tal-ħalq u li tmexxi u tirreferi l-każijiet skond kif ikun xieraq.

5.3. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tmexxi u tordna x-xogħol li jkollhom jagħmlu l-*House Surgeons* (Dentistrija) u l-ħaddiema *paraprofessionals* tad-Dentistrija.

5.4. Il-persuna nominata tkun taqa' taħt l-uffiċjal superjuri immedjat tagħha fid-Dipartiment tad-Dentistrija dwar il-kura meħtieġa li tingħata lil kull pazjent skond ma jkun intitolat inklużi visti regulari.

5.5. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tinvolvi ruħha f'*continuing education*.

5.6. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li żżomm *log book* tal-pazjenti taħt il-kura tagħha.

5.7. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to work in any branch of the Government Dental Services in hospitals and community (including School Dental Services).

5.2. The appointee will be expected to diagnose condition of the oral cavity and to manage and refer as appropriate.

5.3. The appointee will be required to direct and prescribe work carried out by House Surgeons (dentistry) and by dental paraprofessional staff.

5.4. The appointee will be accountable to his/her immediate superior in the Dental Department for carrying out the necessary care within the entitlement of each particular patient including regular reviews.

5.5. The appointee will be required to involve himself/herself in continuing education.

5.6. The appointee will be required to maintain a log book of patients in his/her personal care.

5.7. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems that may be in operation in the Health Division.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment

każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

c) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Dentali f'Malta;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li se jiggradwaw fid-Dentistrija fis-sena 2007 bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 6(a), (b) u (d). Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu juru l-Liċenza indikata f'paragrafu 6(ċ) qabel ma jingħataw il-ħatra.

7.2. L-applikanti li jgħaddu taħt dan il-paragrafu jiġu offruti ħatra biss wara li tkun ġiet eżawrita l-lista ta' l-applikanti l-oħra kollha li jkunu għaddew skond paragrafu 6 dejjem jekk ikun għad baqa' postijiet vakanti.

8.1. Persuni rregistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Dental Profession in Malta;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1. Applications will also be considered from candidates who will be graduating in Dentistry in the year 2007 provided they satisfy the requirements stated in paragraphs 6(a), (b) and (d). If selected, such candidates must produce the Licence indicated in paragraph 6(c) before appointment.

7.2. Successful applicants under this paragraph will be offered an appointment only after the list of successful applicants under paragraph 6 has been exhausted, provided vacancies are available.

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

9.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.2. Hija r-responsabiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

10.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 20 ta' April 2007.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 20 ta' April 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-

9.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

10.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

11. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 20th April 2007.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 20th April 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving

applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 2123 5890.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-27 ta' Marzu, 2007

Division are +356 – 21226285 and +356 - 2123 5890.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

27th March, 2007

EUROPEAN UNION

Selection of Temporary Staff
For the Directorate-General for Translation (DGT)
EU-10 Language Departments

Maltese Language
Posts of Administrator
(Ref: COM/TA/DGT/07/04)

The Commission of the European Union is organising a selection procedure to fill up to 20 linguistic administrator posts in the Directorate-General for Translation. These posts are intended by the Commission for nationals of the 10 countries of the enlargement of 01.05.2004. The selected candidates will be assigned to Directorate C – Maltese Language Department.

General Conditions

Candidates must satisfy the requirements set out in Article 12 of the Conditions of Employment of Other Servants of the European Communities. Having regard to the above, candidates must be a national of one of the following Member States of the European Union: Cyprus, Czech Republic, Estonia, Hungary, Latvia, Lithuania, Malta, Poland, Slovakia, Slovenia.

The Commission applies a policy of gender equality.

Type and Duration of Contract

The successful candidate(s) may be offered a temporary contract under point (a) or (b) (depending on budgetary possibilities) of Article 2 of the Conditions of Employment of Other Servants of the European Communities in accordance with the Commission Decision of 28 April 2004 on a new policy for the engagement and employment of temporary staff. The duration of the contract may not exceed four years, with the possibility of renewal under present rules for a maximum of two years. The maximum duration of the contract will also take into account the relevant provisions in the April 2004 Commission Decision on the maximum duration of recourse to non-permanent staff (under the present rules six years over a twelve-year period). The Conditions of Employment of Other Servants of the European Communities may be found under "Staff Regulations" at http://europa.eu.int/epso/working/career/payments_en.htm

Place of Employment: *Luxembourg*

Level: AD5 (as an indication, basic starting salary of €4012 to €4180.59)

Nature of Duties

The successful candidate(s) will:
translate documents from at least two official languages (including English or French) into Maltese;
revise, check or evaluate translations into Maltese of documents produced by internal translators or by external contractors;
carry out any other linguistic duties needed, in particular pre-processing of documents, work on terminology or on linguistic

concordance;

carry out any administrative duties needed, in particular in the areas of internal communication and information management, the use of translation tools and training.

Qualifications

A level of education which corresponds to completed university studies of at least three years attested by a diploma.

Experience

In addition to the qualifications required above, candidates must have at least 2 years' professional experience in the field of translation.

Languages

The candidates must satisfy the following conditions:

(a) have a perfect command of the main language: Maltese;
(b) have a very sound knowledge of either English or French (the first compulsory source language);
(c) in addition to languages under (a) and (b), have a very sound knowledge of another EU language (the second compulsory source language) from among the following: Bulgarian, Czech, Danish, Dutch, English, Estonian, Finnish, French, German, Greek, Hungarian, Irish, Italian, Lithuanian, Latvian; Maltese, Polish, Portuguese, Romanian, Slovak, Slovenian, Spanish or Swedish.

Selection Procedure

Applicants complying with the above-mentioned requirements (qualifications, experience and languages) will be invited to a translation test from English/French into their main language (Maltese).

The anonymous translations will be revised and marked by at least two qualified officials from the relevant translation department in Luxembourg. Should their assessments diverge by more that 5 points, a third revisor will be asked to assess the translation.

Candidates obtaining a mark higher that 10/20 in the translation test will be invited to an interview with the selection board. Their performance in the interview will also be assessed on a x/20 scale.

Candidates will then be ranked by merit, based on the average marks obtained in the translation test and the interview.

Applications

Candidates should send the completed application form (in English or French), obtainable at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm and the supporting documents required (see application form), to the following e-mail address:

ADMIN-A4-TA-07-04@ec.europa.eu

The closing date for the submission of applications is 9th April 2007.

Candidates in the present selection are also recommended to submit their curriculum vitae via "EU CV Online" as well: http://www.ec.europa.eu/civil_srvice/job/cvonline/index_en.htm. Thus their application could be considered in a larger context. The database "EU CV Online" is the source of choice for EU managers looking for candidates for specific job openings which do not require a special selection procedure.

People Management Directorate,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

27th March, 2007

TREASURY CALENDAR FOR THE MONTH OF APRIL 2007

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
2	3 TB Tender Date	4	5 TB Issue of 183 days maturing 5th October 2007	6 Good Friday
9	10 TB Tender Date	11	12	13 TB Issue of 273 days maturing 11th January 2008
16	17 TB Tender Date	18	19	20 TB Issue of 91 days maturing 20th July 2007
23	24 TB Tender Date	25	26	27 TB Issue of 91 days maturing 27th July 2007

TB denotes Treasury Bills

Notes: –

1. Treasury Bills Auctions are accepted every Tuesday and settled the following Friday.

